

32003R2238

L 333/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

20.12.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2238/2003  
tal-15 ta' Diċembru 2003**

**li jipproteġi kontra l-effetti ta' l-applikazzjoni l-Att Kontra l-Iddampjar ta' l-1916 ta' l-Istati Uniti, u  
azzjonijiet ibbażati fuqu jew li jirriżultaw minnu**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) L-għanijiet tal-Komunità jinkludu l-kontribuzzjoni lejn l-iżvilupp armonjuż tal-kummerċ dinji u l-abolizzjoni progressiva ta' restrizzjonijiet fuq kummerċ internazzjonali.
- (2) Fl-Istati Uniti ta' l-Amerika ("USA"), l-Att Kontra l-Iddampjar ta' l-1916 <sup>(1)</sup> jipprovdi għall-proċeduri ċivili u kriminali u pieni kontra dampjar ta' kull artikoli meta jsir bil-ħsieb biex jeqred jew jagħmel ħsara għal industrija fil-USA, jew biex jimpedixxi l-istabbiliment ta' industrija fil-USA, jew biex jirrestrinġi jew jimmonopolizza xi parti tan-negozju jew kummerċ f'artikoli tali fil-USA.
- (3) Fis-26 ta' Settembru ta' l-2000, il-Korp tas-Soluzzjoni tat-Tilwim ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ODK), filwaqt li adotta r-rapport tal-Bord ta' l-Appell <sup>(2)</sup> u r-rapport tal-Panel <sup>(3)</sup>, kif sostnuti mir-rapport tal-Korp ta' l-Appell, sab li l-Att Kontra l-Iddampjar ta' l-1916 kien inkompatibbli ma' l-obbligi ta' l-Istati Uniti taħt il-ftehim ta' l-ODK, notevolment billi jipprovdi rimedji kontra dampjar, bħalma huma l-imposizzjoni ta' ħsarat tripli, multi u priġunerija, li ebda waħda minnhom m'hi permessa mill-Ftehim Ġenerali dwar Tariffi u Kummerċ ta' l-1994 ("GATT 1994") jew mill-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni ta' Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar Tariffi u Kummerċ ta' l-1994 ("Ftehim AD").
- (4) L-Istati Uniti naqset li tikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet u deċiżjonijiet tal-Panel u l-Korp ta' l-Appell fil-limitu ta' żmien ta' l-20 ta' Diċembru 2001. B'riżultat, il-Komunità talbet awtorizzazzjoni biex tissospendi l-applikazzjoni lill-Istati Uniti ta' l-obbligi tagħha taħt GATT 1994 u l-Ftehim AD.

- (5) Fi Frar 2002, il-Komunità qablet li tissospendi l-arbitraġġ dwar it-talba tagħha, wara l-ftehim espress li abbozz ta' liġi kien pendenti fil-Kungress ta' l-Istati Uniti biex jirrevoka l-Att Kontra l-Iddampjar ta' l-1916 u jgħib fi tmiemhom il-każi pendenti quddiem il-Qrati ta' l-USA.
- (6) L-Att Kontra l-Iddampjar ta' l-1916 għad irid ikun irrevokat, u ilmenti miġjuba taħt dan l-Att huma pendenti quddiem il-Qrati ta' l-USA kontra persuni taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri.
- (7) Dawn il-proċeduri ġudizzjarji qegħdin jikkawżaw spejjeż sostanzjali ta' litigazzjoni u jistgħu finalment jirriżultaw f'sentenza li telenka piena ta' ħsarat tripli.
- (8) Biż-żamma u l-applikazzjoni tiegħu, l-Att Kontra l-Iddampjar ta' l-1916 jimpedixxi l-ksib tal-għanijiet imsemmija hawn aktar qabel, jaffettwa l-ordni legali stabbilita u għandu effetti avversi fuq l-interessi tal-Komunità u l-interessi ta' persuni naturali u legali li jeżerċitaw drittijiet taħt it-Trattat.
- (9) Taħt dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, huwa meħtieġ li tittieħed azzjoni flivell Komunitarju biex ikunu protetti l-interessi ta' persuni naturali u legali taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri, b'mod partikolari billi jitnehew, ikunu newtralizzati, imblokkati, jew b'xi mod ieħor issir kontro-azzjoni għall-effetti ta' l-Att Kontra l-Iddampjar ta' l-1916,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ebda sentenza ta' qorti jew tribunal u ebda deċiżjoni ta' awtorita amministrattiva lokalizzata fl-Istati Uniti ta' l-Amerika li jagħtu effett, direttament jew indirettament, lill-Att Kontra l-Iddampjar ta' l-1916 jew lil azzjonijiet ibbażati fuqu jew li jirriżultaw minnu, m'għandhom ikunu rikonoxxuti jew jistgħu jkunu nfurzati f'kull manjiera.

<sup>(1)</sup> Ippromulgat taħt it-titolu (intestatura) ta' "kompetizzjoni inġusta" fit-Titolu VIII ta' l-Att ta' Introjtu ta' l-1916; it-Titolu VIII ta' dak l-Att huwa kodifikat bħala Kodiċi ta' l-Istati Uniti 71-74, ikkwotat bħala 15 U.S.C §72.

<sup>(2)</sup> AB-2000-5 u AB-2000-6, 28 ta' Awissu 2000.

<sup>(3)</sup> L-Istati Uniti - Att għal kontra l-Iddampjar ta' l-1916, rapport tal-Panel (WT/DS/136/R, 31 ta' Marzu 2000).

## Artikolu 2

1. Kull persuna li jirreferi għaliha Artikolu 3 għandha tkun intitolata li tirkupra kull ħruġ ta' flus, spejjeż, danni jew nefqiet mixxellanji kawżati lilha b'riżultat ta' l-applikazzjoni ta' l-Att Kontra l-Iddampjar ta' l-1916 jew b'azzjonijiet ibbażati fuqu jew li jirriżultaw minnu.

2. Irkupru jista' jinkiseb hekk kif azzjoni tinbeda taħt l-Att Kontra l-Iddampjar ta' l-1916.

3. L-irkupru jista' jinkiseb minn persuna naturali jew legali jew minn kull entita' oħra li tkun ressqet ilment taħt l-Att Kontra l-Iddampjar ta' l-1916 jew minn kull persuna jew entita' konnessa ma' dik il-persuna jew entita'. Persuni jew entitajiet għandhom jitqiesu konnessi jekk:

- (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozji ta' xulxin;
- (b) ikunu sħab legalment irrikonoxxuti fin-negozju;
- (ċ) wieħed minnhom jikkontrolla direttament jew indirettament lill-ieħor;
- (d) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn terza persuna

4. Mingħajr preġudizzju għal mezzi oħra disponibbli u skond il-liġi applikabbli, l-irkupru jista' jieħu għamla ta' qbid jew bejgħ ta' assi miżmuma mill-akkużat, inklużi ishma miżmuma f'persuna legali inkorporata fil-Komunità.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Diċembru 2003.

## Artikolu 3

Il-persuni li jirreferi għalihom Artikolu 2(1) għandhom ikunu:

- (a) kull persuna naturali li tkun residenti fil-Komunità;
- (b) kull persuna legali inkorporata fil-Komunità;
- (ċ) kull persuna naturali jew legali li jirreferi għaliha Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 4055/86 <sup>(1)</sup>;
- (d) kull persuna naturali oħra li taġixxi f'kapaċità professjonali fil-Komunità, inklużi ibħra territorjali jew spazju ta' l-ajru u kull ajruplan jew kull bastiment taħt il-ġurisdizzjoni jew kontroll ta' Stat Membru.

Għall-finijiet tal-punt (a), "tkun residenti fil-Komunità" għandha tfisser li tkun legalment stabbilit fil-Komunità għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur f'perjodu ta' 12-il xahar immedjatament qabel id-data li fiha, taħt dan ir-Regolament, iquom obbligu jew ikun eżerċitat dritt.

## Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għall-Kunsill

Il-President

A. MARZANO

<sup>(1)</sup> ĠU L 378, tal-31.12.1986, p. 1; Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3573/90 (ĠU L 353, tas-17.12.1990, p. 16).